# Madrid City Break

**GRUPP A: 23-26 T'AWWISSU**
**GRUPP B: 13-16 TA' SETTEMBRU**
**GRUPP C: 04-07 T'OTTUBRU**

**INŻURU: MADRID, TOLEDO, ARANJUEZ, AVILA, SEGOVIA**

### L-EWWEL JUM

Niltaqgħu mat-tour leader fl-04.15 fl-ajruport internazzjonali ta' Malta għat-titjira KM 586 għal **Madrid** li titlaq fis-06.55 u naslu fid-09.55. Mal-wasla tagħna mmorru lejn il-belt ta' **Aranjuez** li tinsab fuq ix-xmara Tajo ġiet iddisinjata u żviluppata fis-seklu sittax mir-Re Philip II li kien hu li tagħha dehra tal-llum. L-importanza ta' din il-belt sabiħa mimlija ġonna, kanali u palazzi kibret mhux bi ftit fis-seklu tmintax taħt il-monarkija tal-familja Bourbon. Din ukoll kienet residenza uffiċjali tar-renjanti fis-Sajf. Naraw ir-Royal Palace u l-ġmiel ta' Aranjuez Gardens. Inżuru wkoll iċ-ċentru storiku fejn naraw il-knejjes Sant Antonio kif ukoll il-kwartier Pavia. Nkomplu lejn **Madrid** u check-in fil-**Hotel Santo Domingo 4*** li qeda eżatt fiċ-ċentru tal-belt. Sistemazzjoni tal-kmamar.





**4**
**T'IJIEM**

**MINN €**
**670**
**KULL PERSUNA**

**PREZZ KULL PERSUNA**
**TAXXI U ESKURSJONIJIET INKLUŻI**

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €720 | €670 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €720 | €670 |
| Kamra ta' persuna waħda | €920 | €870 |
| Tfal sa 11-il sena ma' żewġ adulti | €650 | €600 |

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira għal Madrid-KM Malta Air
- 20 Kg Luggage + Hand Luggage
- 3 Iljieli-Hotel Santo Domingo 4*star
- Buffet breakfast kuljum
- Eskursjonijiet kollha mħallsa (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Insolvency Protection
- Tour Leader

### IT-TIENI JUM

Breakfast u wara jkollna **'Panoramic & Walking' city tour** madwar Madrid, fost l-oħrajn naraw 'The Royal Palace' li huwa wieħed mill-isbaħ fl-Ewropa, Plaza Mayor, il-funtana La Cibeles u Neptuno, Plaza de Colon, Puerta Del Sol, Estadio Santiago, Bernabeu, Europa Towers, Azcai, Plaza De Oriente, Gran Via u l-katidral mibni fuq stil Gotiku La Almudena.

### IT-TIELET JUM

Buffet Breakfast u eskursjoni mill-isbaħ lejn iż-żona tant sabiħa u muntanjuża ta' Sierra De Guadarrama u l-ewwel waqfa tagħna tkun fil-belt ta' **Segovia.** Din il-belt kienet importanti ħafna fi żmien ir-Rumani u fiha kienu jgħixu r-renjanti.Naraw l-akwadott mibni mir-Rumani fl-ewwel seklu u li huwa twil 800metru b'għoli ta' 30metru. Naraw ukoll il-katidral li jinsab fi Plaza Mayor u l-kastell medjevali u famuż Alcazar (entratura mhux inkluża) li oriġinarjament kien inbena bħala fortizza. Minn hawn, inkomplu lejn il-belt t' **Avila** li hi l-belt kapitali tar-reġjun bl-istess isem u hija mdawra bi swar u ffortifikata bi 88 torri. Fost oħrajn, hawn naraw il-katidral li nbena fis-seklu tnax u l-Bażilika San Vincente u il konvent relatat ma Santa Tereża. Nirritornaw lura Madrid. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### IR-RABA' JUM

Wara l-breakfast tluq lejn il-belt ta' **Toledo** li tinsab fuq għolja fil-parti ċentrali ta' Spanja u li hija kkunsidrata bħala belt ġojjell tal-pajjiż u magħrufa bħala ta' tlett kulturi minħabba l-fatt li għal mijiet ta' snin, Kristjani, Lhud u Għarab għexu flimkien. Dawn ħallew wirt kulturali bħal knejjes, sinagogi, palazzi, moskej u fortizzi. Flimkien mat-tour leader inżuru ċ-ċentru storiku bit-toroq dojoq imserrpin mimlijin bini bi stil t'arkittetura diversa li jagħtu karattru uniku lill-belt. Naraw ukoll il-katidral El Greco (entratura mhux inkluża). Opportunita' li nagħmlu vjaġġ bit-Toledo Train Vision (extra) li jdum madwar 45minuta, jkollna ħin liberu għal shopping u personal sightseeing. . Għall-ħabta tat-14.30 transfer lejn l-ajruport ta' Madrid għat-titjira KM587 titlaq fid-21.30 u naslu lura Malta fil-00.15.